**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Gunju 2019**

**Rikors Numru : 408/2018 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**MD**

**vs**

**HR**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MD , datat 10 ta' Settembru 2018, a fol 1 li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fit-23 ta' Settembru tas-sena 2006 (Dok. MMD1) u miz-zwieg taghhim ma kellhomx tfal.*

2. *Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppublikat minn-Nutar Dottor Liza Camilleri illum Schembri, fit-tieni ta'April tas-sena elfejn u tmienja (02.04.2008) (Dok. MMD2).*

3. *Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 2 tal-istess kuntratt).*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzoni bejn il-kontendenti.*

5. *Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Arttikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separate permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'humiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsuba fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta' dak il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66C.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat huwa kontumaci (vide fol 22);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MD** xehdet illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Settembru 2006 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-2 t'April 2008 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Spjegat illi l-partijiet kienu rrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom li jitolbu manteniment minghand xulxin, u ghalhekk m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Settembru 2006 (Vide Dok MMD1, a fol 2) u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Liza Camilleri, illum Schembri, datat 2 ta' April 2008 (vide Dok.MMD2. fol 3 et seqq).

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**